IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 01

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** — Data u ħin

**Il-Erbgħa 3 ta' April 2013 fis-7.00 pm**

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| | |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |

**1.00 Introduzzjoni mill-Kunsillier Nazju Cassar**

1.01 Hekk kif jitlob l-artikolu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, *ċ-Ċermen* Nazju Cassar, bħala l-aktar Kunsillier anzjan, ippresjeda l-laqgħa. — Introduzzjoni mill-Kunsillier Nazju Cassar

**2.00 Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku**

2.01 *Iċ-Ċermen* Nazju Cassar staqsa lill-Kunsillier Charles Azzopardi jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Sindku għas-Seba' Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat — Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku

2.02 Il-Kunsillier Charles Azzopardi aċċetta l-kariga ta' Sindku u ssottometta l-ittra ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga lis-Segretarju Eżekuttiv.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.03 *Iċ-Ċermen* Nazju Cassar iddikjara lil Charles Azzopardi Sindku tar-Rabat

2.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u libset l-insinja u l-*lapel badge* lis-Sindku.

2.05 Is-Sindku Charles Azzopardi rringrazzja lill-Kunsilliera kollha preżenti u kompla jippresiedi l-laqgħa.

**3.00 Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku**

3.01 Is-Sindku Charles Azzopardi staqsa lill-Kunsillier Doris Coleiro jekk kinitx lesta li taċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku.

Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Viċi Sindku

3.02 Il-Kunsillier Doris Coleiro aċċettat l-kariga ta' Viċi Sindku u ssottometiet l-ittra ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga lis-Segretarju Eżekuttiv.

3.03 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro rringrazzjat lill-Kunsilliera kollha preżenti.

**4.00 Għoti tal-ġuramenti tal-karigi ta' Sindku u Viċi Sindku**

4.01 Il-Kunsill qabel unanimament biex tiġi sospiża l-laqgħa ħalli s-Sindku u l-Viċi Sindku jieħu l-ġurament ta' ħatra fil-preżenza tal-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Ian Micallef.

Għoti tal-ġuramenti tal-karigi ta' Sindku u Viċi Sindku

**5.00 Diskors mis-Sindku u mill-Viċi Sindku**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi indirizza l-ewwel diskors tiegħu dwar il-ħidma tal-Kunsill għal din il-leġiżlatura.

Diskors mis-Sindku

5.02 Is-Sindku stieden lill-Viċi Sindku sabiex tindirizza lil dawk preżenti. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro, irringrazzjatu tal-istedina u indirizzat id-diskors tagħha.

Diskors mill-Viċi Sindku

**6.00 Ġranet u ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill**

6.01 Kien maqbul li dan l-*item* jerġa' jittella' għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss.

Ġranet u ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill

6.02 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 17 ta' April 2013 fis-7.00 ta' filgħaxija.

6.03 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 17 ta' April 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**